# Lourdes - Il-Belt tal-Madonna

*Ta'* Ġużè' Chetcuti

KIEKU xi ħadd kellu jistaqsini: int li sifirt u rajt ħafna bliet sbieħ u kbar, liema hi dik il-belt li ħalliet f'moħħok l-aktar tifkiriet ħajja u qawwija? Liema minnhom l-aktar li tqanqal fik ħsibijiet u sentimenti ta' mħabba meta tiftakar fiż-żmien l-imgħoddi?

Jien inwieġeb: Lourdes.

Lourdes? — forsi xi ħadd isaqsi — għaliex Lourdes? Ma hemmx bliet oħra wisq akbar u isbaħ? Milan, Pariġi, Londra? Mhumiex dawn akbar minn Lourdes?

Hu minnu li dawn huma bliet kbar, qishom kwiekeb mill-isbaħ jiddu fis-sema ta' l-istorja ta' l-Ewropa. Huma kbar fl-istorja daqs kemm fil-ġmiel li n-Natura għoġobha żżejjinhom bih: muntaniji, xmajjer, knejjes u palazzi li jsaħħru; il-ħajja fihom ma tieqaf qatt, sejra lejl u nhar. Imma dak li ssib f'Lourdes ma ssibu mkien: is-seħer ta' ħajja sempliċi, kwieta, mimlija bi mħabba u bi ħlewwa divina. Stħajjiltni meta mort Lourdes li kont qed ngħix mhux f'din id-dinja imma fil-ġenna, għax hemmhekk il-ħsieb jinqata' mill-frugħa u l-ġenn tal-ħajja, u r-ruħ donnha ssib is-saltna tagħha, is-saltna tat-talb, tal-paċi, tad-dawl li ġej mis-sema.

F'Lourdes nies ta' kull razza u kull lewn, mijiet, eluf, miljuni, jinġabru u jsiru familja waħda. Imkien hekk, f'ebda art oħra, tmur fejn tmur. Għax hawnhekk, f'din l-art tal-Madonna, in-nies tinġabar biex titlob, u t-talb jgħaqqad il-qlub u jitfa' l-barka u s-sliem fejn qabel forsi kien hemm l-għira u l-mibegħda.

Lourdes hi belt ċkejkna mkenna taħt il-Pirinej bix-xmara Gave għaddejja tleqq minn naħa ta' nofs in-nhar. Hemmhekk, f'dan il-post ċkejken, fejn il-biċċa l-kbira tan-nies igħixu ħajja fqira li jaqilgħuha mill-istess art li jaħdmu u mill-merħliet ta' ngħaġ li jirgħu, il-Madonna għażlet li tidher lil tfajla ta' familja mill-iżjed foqra, lil Bernardetta, tifla marradija u injoranta. Għax, kif sewwa jingħad, Alla jagħżel lil dawk li d-dinja taħseb li huma boloh, bla saħħa, u stupidi, sabiex b'hekk aktar iħawwad lil dawk li jaħsbu li huma għorrief, kbar u qawwija. L-unika ħaġa li din it-tifla kellha kienet is-sinċerità kbira tagħha. Hi dejjem qalet bis-sempliċità kollha tagħha dak li ħasset u dak li rat, ukoll meta l-bibien ta' l-infern bdew jinfetħu fuqha

bil-qawwa u l-qilla kollha tagħhom. Il-Madonna riedet li din ittifla bla tagħlim u innoċenti tkun il-protagonista ta' l-akbar ġrajja ta' Lourdes: hemm, fil-għar ta' Massabielle, wara li Bernardetta saqsiet għal kemm-il darba lil dik is-Sinjura Sabiħa biex tgħidilha min kienet, il-Madonna weġbitha: Jiena l-Immakulata Kunċizzjoni.

Deskrizzjoni preċiża, sabiħa u mill-iżjed ħajja ta' meta Bernardetta rat għall-ewwel darba lill-Madonna, fil-grotta ta' Massabielle jagħtihielna J. B. Estrade, fil-ktieb tiegħu "Id-dehriet ta' Lourdes", kif qalithielu Bernardetta stess:

"Kont għadni kemm bdejt inneħħi l-ewwel kalzetta meta ħin bla waqt nisma' ħoss kbir bħal ħoss ta' riefnu. Harist lejn il-lemin, lejn ix-xellug, taħt is-siġar ta' fuq ix-xmara, iżda xejn ma kien jidher jiċċaqlaq; ħsibt li kont ħadt xi żball. Komplejt inneħħi ż-żarbun u l-kalzetti meta mill-ġdid irġajt smajt ħoss ieħor bħal ta' qabel. Imbagħad bdejt nibża' u qomt bil-wieqfa La stajt illissen kelma anqas biss naħseb meta, xħin tfajt ħarsti fuq il-għar, ilmaħt ġo ftuħ fil-blat siġra żgħira, waħda biss, tiċċaqlaq bħallikieku kien riħ qawwi. Kważi fl-istess ħin dehret tfiġġ minn ġo l-għar sħaba minn lewn id-deheb, u minnufih warajha Mara, żagħżugħa u sabiħa, sabiħa kemm jista' jkun, li bħalha jien qatt ma rajt, ġiet u qagħdet fid-daħla tal-għar fuq dik is-siġra. Hi ħarset lejja fil-pront, tbissmitli u għamlitli sinjal biex nersaq lejha daqs li kieku kienet ommi. Ma bqajtx nibża' aktar iżda donni ma kontx naf aktar fejn kont qiegħda. Għorokt għajnejja, għalaqthom, ftaħthom; iżda dik is-Sinjura kienet għadha hemm titbissimli u ġġagħalni nifhem li ma kontx żbaljajt. Mingħajr ma naf kif, qbadt f'idejja l-kuruna tar-Rużarju u ntfajt għarkobbtejja. Dik is-Sinjura baxxiet rasha b'sinjal ta' approvazzjoni u hi wkoll ħadet f'idejha -kuruna tar-Rużarju li kellha mdendla ma' driegħha tal-lemin. Meta ippruvajt nibda ngħid ir-rużarju u nerfa' idejja fuq ġbini sibt li driegħi ma stajtx inċaqalqu, u kien wara li dik is-Sinjura raddet hi stess is-Salib li jien stajt irroddu wkoll. Is-Sinjura ħallietni nitlob waħdi; hi bdiet tgħaddi ż-żibeġ tar-rużarju minn bejn subgħajha iżda ma titkellimx; kien biss fl-aħħar ta' kull posta li kienet tgħid il-'Glorja' miegħi.

"Meta spiċċajt ngħid ir-rużarju, dik s-Sinjura reġgħet daħlet fil-għar u magħha għabet is-sħaba minn lewn id-deheb".

Minn dik l-ewwel dehra 'l hawn — kien il-Ħamis, 11 ta' Frar, mitt sena ilu — il-belt ta' Lourdes saret ċentru ta' ħrara

u ta' ferħ reliġjuż. Għal dan il-baħar kbir, bla tarf, ta' ħeġġa u ta' mħabba għall-Madonna s-setgħat tal-ħażen ma baqax x'ma għamlux. Ix-xefaq issaħħab ħafna drabi bil-ġlied u bit-theddid tal-għedewwa li ħadmu ħafna biex iwarrbu lil Omm bla Tebgħa minn dik l-għamara ċkejkna, umli li Hi għażlet fuq ix-xtut tax-xmara Gave. Iżda l-Fidi ta' Kristu bħal blata li qatt ma tista' tiġġarraf baqgħet sħiħa u rebħet, u s-Sultana tas-Sema mal-medda tas-snin baqgħet maħbuba u meqjuma ġo l-għar ċkejken ta' Lourdes. U hemmhekk, minn sena għal sena, rebbieħa u glorjuża, tilqa' l-entużjasmu u l-ferħ tal-qtajja' ta' nies li jiġu minn kull naħa tad-dinja biex jitolbu għad-dinja mħassra l-fejqan tar-ruħ u tal-ġisem. In-nixxiegħa ta' Massabielle hi l-għajn ta' ilma mirakoluż li fih inħaslu u minnu xorbu miljuni ta' morda: nies għomja malli għamlu kuntatt ma' dan l-ilma tal-għaġeb bdew jaraw; it-torox jisimgħu; imġiddmin u nies b'kull xorta ta' mard ikrah ifiqu; u z-zopop li ma kellhom ebda tama ta' fejqan telqu l-krozzi u bdew jimxu. U xhieda ċara ta' dan, kull min imur Lourdes jara mdendlin kwantitajiet ta' krozzi mal-blat tal-grotta tal-Madonna.

Mirakli saru, u mirakli kbar, imma dan ma jfissirx li kull marid li mar u ser imur Lourdes ser jerġa' lura mfejjaq. Għax kif igħidilna l-ġiżwita C. C. Martindale, Lourdes ma ngħatatx lid-dinja biex il-bnedmin ikunu jistgħu jinqdew biha qisha xi makna li tagħmel il-mirakli kull x'ħin trid. Il-mirakli jitilfu l-iskop tagħhom kieku kienu xi ħaġa li ssir ta' sikwit. Santu Wistin ifisser bil-qawwa kollha illi l-mirakli kbar li bihom Alla jmexxi l-univers, jiġifieri, l-egħġubijiet li Hu wettaq kull ħin sa fl-iċken żerriegħa, tant drajniehom li bil-kemm issib min jagħti każhom; għalhekk, Hu jirriżerva ċerti mirakli ħa jkun jista' jwettaqhom meta jasal żmienhom, ħalli b'hekk, meta jitwettqu, il-bnedmin ikunu jistgħu jistagħġbu u jitgħaxqu bihom.

Igħaddi ż-żmien kif għadda, imma Lourdes tibqa' tiġbed lejha l-qalb tal-bnedmin. Il-morda jibqgħu jżuruha bit-tama tal-fejqan, u miljuni ta' nies jibqgħu jintefgħu għarkobbtejhom fil-għar ta' Massabielle biex jitolbu u biex jagħmlu penitenza, skond ix-xewqa tal-Madonna stess lil Bernardetta: "Nixtieq li n-nies jiġu hawn. Irridhom jiġu hawn fi proċessjoni. Jagħmlu penitenza. Jitolbu għall-midinbin". U dik ix-xewqa tal-Madonna twettqet u tibqa' titwettaq kull ħin, heemmhekk, ġo Lourdes, kull fil-għaxija, eluf u eluf ta' nies, minn kull pajjiż u kull lewn, bit-torċi mixgħula f'idejhom, tarahom sejrin lejn il-għar jitolbu u

jgħannu, kulħadd bl-ilsien tiegħu, dak il-għana sabiħ lill-Madonna. F'dak il-baħar ta' dwal, qalb dak il-għana tal-ġenna, tħossok mintix aktar ta' din id-dinja. Dik iż-żjara tiegħi f'Lourdes tant ħassejtha timpressjonani, bħalma impressjonat ukoll lill-ħabib tiegħi, il-Professur Aquilina, li morna Lourdes flimkien, li meta rġajt lura hawn Malta ktibt il-poeżija ''Il-Għanja ta' Lourdes''. Dawn li ġejjin huma versi meħudin minn dik il-poeżija:

Eluf ta' nies morda,
Lil qalbhom Int sbaqt,
Għaddew minn quddiemek
U lilhom fejjaqt.

Jien rajtha fl-għaxija,
Mitfugħa għarkobbtejha,
Il-kotra, ruħ waħda,
Bix-xema' f'idejha.

Jien rajt f'dik ix-xmara
Ta' ġmiel u ta' dwal
Qed tixgħel l-imħabba
Tax-xjuħ, nisa w tfal.

U jgħannu u jgħannu
B'elf leħen ferrieħ
Dak l-għana tas-Sema
Ta' merħba w ta' ġieħ.

Le, le, qatt ma ninsa
Id-dawl ta' għajnejk
Xħin jien sibtni qribek
Fil-grotta hemm ħdejk;

Hemmhekk fejn, Madonna,
F'din l-art tal-bnedmin
Kont dhert, hienja u sbejħa,
Bħal tfajla t'għoxrin.

Dawk l-impressjonijiet ma ninsiehom qatt. Dawk huma impressjonijiet li laqtu lili bħalma laqtu matul dawn il-mitt sena lil miljuni ta' pellegrini oħra. Għax Lourdes hi għal kulħadd, għal kull maħluq, għal kull nazzjon, triq ta' dawl li twassalna minn din id-dinja għal dinja wisq akbar u wisq isbaħ, fi ħdan il-Madonna.